

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralijogħobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1661 tal-24 ta' Settembru 2019 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2019, L 251, p. 1) kollu kemm hu.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni eċċediet is-setgħat li jagħtiha l-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2658/87 permezz tal-emenda illegal tal-portata tal-intestatura NC 1516.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni eċċediet is-setgħat li jagħtiha l-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2658/87 permezz tal-emenda illegali tat-tariffa doganali, għaliex ir-regolament ta' klassifikazzjoni cċitħat iktar 'il fuq jemenda t-tariffa doganali b'tali mod li dan ir-regolament ta' klassifikazzjoni issa jeskludi prodotti minn intestatura NM li taħtha l-prodott ikkonċernat għandu jiġi kklassifikat abbażi tal-karakteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi tiegħu.

---

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2019 – Body Attack Sports Nutrition vs EUIPO – Sakkari (SAKKATTACK)

(Kawża T-851/19)

(2020/C 61/63)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrent: Body Attack Sports Nutrition GmbH & Co. KG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Labesius, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Maria Sakkari (Nikosija, Ċipru)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenju: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenju kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni figurattiva "SAKKATTACK" bil-kuluri iswed, aħmar, isfar, abjad u grīz – Applikazzjoni għar-reġsitrazzjoni Nru 16 603 557

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Ottubru 2019 fil-Każ R 2560/2018-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralijogħobha:

- tordna li din il-kawża tiġi magħquda mal-Kawża T-788/19;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;
- Ksur tar-regola ta' trattament ugwali u ta' amministrazzjoni xierqa;
- Ksur tal-Artikolu 94(1)(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Diċembru 2019 – Dehousse vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża T-857/19)

(2020/C 61/64)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Franklin Dehousse (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Levi u S. Rodrigues, avukati)

Konvenut: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralijogħobha:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Ottubru 2019, dwar miżura ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, Dehousse vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (T-433/17, EU:T:2019:632), ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 266 TFUE, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata ma kinitx tikkostitwixxi miżura adegwata li tinvolvi l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fil-Kawża T-433/17, Dehousse vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.